## XENQET IL-BIERAĦ

"... al travaglio usato
Ciascuno in suo pensier farà ritorno."
(Leopardi)

*Harist fi ġnien il-Ħajja sbejħa tagħna*
*W rajt fiha kull ma trid il-qalb, kull żina...*
*Fittixt, għalxejn, għamajra mnażżgħa, ċkejkna,*
*Bil-kenn għalina.*

*Għarbilt fil-Lum. Fil-għodu w fil-għaxija*
*Stennejt ħerqan tiġili ferħa fqira...*
*'Ma l-ferħ inbidel f' qtigħ il-qalb bla temma*
*U f' dieqa kbira.*

*Stennejt ibexbex l-Għada bl-akbar tama*
*U qalbi mlejt b' xewqat bla tarf qawwija:*
*Mill-ġdid ġab miegħu l-Għada hemm u dwejjaq*
*W sħaba xitwija.*

*Għarbilt! Għarbilt fil-bieraħ t' għodwa ġdida.*
*Bid-dmugħ kiebi tat-tama, f' elf imsieraħ;*
*W minflok is-serħ tal-Lum rajt f' qabar qalbi*
*Xenqet il-Bieraħ.*

14-15.ii.1967

ALFRED DEGABRIELE

## FIL-ĠNEJNA: VARJANT

*Żahar u nwar fis-siġar kollha,*
*April ferra' ferħ u ġmiel —*
*Fejn kull warda tfur bit-tama:*
*Qalbi biss taħbat titbiel.*

*Il-farfett jiżżeffen ħlejju,*
*kollu logħob ta' lwien fix-xemx;*
*fl-aħħar siker fl-isbaħ fjura:*
*biss għalija serħ ma hemmx.*

*Il-għasfura taf fejn sejra*
*frieħ ħarkiena jistennewha;*
*jiena biss beżgħan minn triqti*
*x' ħin 'il hawn jew 'l hinn niltewa.*

*X' jiswa li noħroġ fil-ġnejna*
*li nindokra bl-għaraq tiegħi,*
*x' jiswa li April bishieli*
*jekk int għadek m' intix miegħi?*

9.iv.65

VANNI SANT